Kategoriji: Pedagoġiji

# Gruppi interattivi

SCIREARLY



Sett ta' għodod edukattivi

## Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

## Rikonoxximent

**L-awturi** ta' dan id-dokument u l-imsieħba ta' dan il-proġett huma:
l-Universita' ta' Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Universita' ta' Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma' MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Universita' ta' Porto, il-Portugal
l-Universita' ta' Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Universita' ta' Ħelsinki, il-Finlandja
L-Universita' ta' Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit

© Copyright 2024

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-"Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).

Data tal pubblikazzjoni: 2024

Immaġini użati taħt il-liċenzja ta' Shutterstock.com

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.


Kategoriji: Pedagoġiji

# Introduzzjoni

Dan is-sett ta' għodod, "Prattiċi ta' Tagħlim b'suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu," huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ta' suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta' tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta' għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta' studju minn disa' pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta' studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b'suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta' għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta' ambjenti ta' tagħlim li huma ta' suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f'wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f'oqsma differenti. Pereżempju, il-"Gruppi Interattivi" mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta' suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista' tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta' għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f'sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta' ko-kreazzjoni dijaloġiku ma' kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta' suċċess minn ambjenti ta' tagħlim differenti b'mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.



# Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f'dan is-sett ta' għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b'mod effettiv il-prattiċi ta' tagħlim b'suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

## Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta' kwatlta' bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L'għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

Li jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta' kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

Li jkun hemm ko-kostruzzjoni ta' tifsira u fehim permezz ta' djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta' informazzjoni.

Jibni sens ta' komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta' differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

## Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta' relazzjonijiet ta' kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta' suċċess joħolqu ambjent ta' appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

## Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

## 'Translanguaging'

Meta persuna titkellem b'lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b'oħra.

## Klassijiet ta' Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b'lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-'translanguaging' biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.

# Gruppi interattivi




## Ħarsa ġenerali

Il-Gruppi Interattivi huma forma ta' organizzazzjoni effettiva fil-klassi li tikkapitalizza fuq l-interazzjoni bejn l-istudenti u l-involviment tal-komunita' biex jittejbu l-kisbiet mit-tagħlim u s-saħħa fiżika, mentali u benesseri socjali tal-istudenti. L-istudenti jiġu organizzati fi gruppi eteroġenji żgħar (kemm jista' jkun fil-każ ta' livell akkademiku, ġeneru, lingwa, sfond kulturali tagħhom, eċċ.), u kull grupp żgħir ikollu l-appoġġ ta' voluntier adult li jiżgura li jkun hemm parteċipazzjoni ekwa kif ukoll jimmassimizza l-opportunitajiet għal interazzjonijiet djaloġiċi fost l-istudenti, filwaqt li jgħinu u jappoġġaw lil xulxin. Il-gruppi interattivi jistgħu jintużaw fi kwalunkwe suġġett skolastiku, u ma jeħtiġux ebda riżorsi addizzjonali mill-iskola: ir-riżorsi umani disponibbli jitqassmu biex jappoġġjaw lill-istudenti kollha fil-klassi.



**Spjegazzjoni tal-iskop u l-eżiti mistennija:**

Il-gruppi interattivi jiddiversifikaw u jimmultiplikaw l-interazzjonijiet waqt il-lezzjonijiet hekk kif jinvolvu lill-istudenti fil-proċess tat-tagħlim il-ħin kollu, u b'hekk itejbu r-riżultati tat-tagħlim u jtejbu l-ambjent u l-klima fil-klassi (jew saħansitra ta' skola kollha). Dan il-grupp inklużiv itejjeb il-kisba akkademika, ir-relazzjonijiet interpersonali u l-koeżistenza fost l-istudenti, filwaqt li jiżgura li ħadd ma jiġi eskluż. Ix-xogħol volontarju tal-adulti li jiffaċilitaw l-interazzjonijiet, jissorveljaw il-parteċipazzjoni ekwitabbli u jippromwovi l-għajnuna u s-solidarjeta' bejn l-istudenti, irawwem ambjent fejn l-istudenti jsibu l-appoġġ waqt it-tagħlim.

**Kisbiet mill-istudenti:** Titjib fil-prestazzjoni akkademika fil-ħiliet bażiċi tagħhom (fil-litteriżmu, il-matematika, ix-xjenza, jew fis-suġġett li fih jiġi implimentat l-GI); titjib fir-raġunament tagħhom u fil-kapaċita' biex isolvu problemi; aktar kunfidenza fihom infushom meta jiġu biex jitgħallmu; attendenza l-iskola iżjed regolari; imġieba soċjali aħjar; relazzjonijiet interpersonali iżjed tajbin, aktar koeżistenza u l-ħila li jipparteċipaw fi djalogu egalitarju.

**Kisbiet mill-għalliema:** riflessjoni kontinwa tagħhom u pariri mill-kollegi tagħhom dwar il-prattika tat-tagħlim tagħhom; aspettattivi aktar fil-kisba akkademika mill-istudenti tagħhom. Il-Gruppi Interattivi jgħinu lill-għalliema jimmassimizzaw l-opportunitajiet li jsegwu l-klassi kollha waqt li wkoll jiffukaw fuq il-progress individwali tal-istudenti tagħhom.

**Kisbiet mill-voluntiera:** sens ta' kapaċita', relazzjonijiet sinifikanti mal-istudenti u l-għalliema, u mal-voluntiera l-oħra, rabtiet b'saħħithom ma' membri tal-komunita', sodisfazzjon f'ħajjithom li qed jgħinu lil ħaddieħor, tisħiħ ta' relazzjonijiet aktar b'saħħithom bejn il-familja u l-komunita' u l-iskola.

M'hemm l-ebda limitu fl-eta' minima jew massima biex wieħed jipparteċipa fi Grupp Interattiv, li ġie applikat bejn is-snin bikrin tal-iskola sa edukazzjoni għall-adulti. M'hemm l-ebda limitazzjoni ta' lingwa (jaħdem fi kwalunkwe lingwa), u huma wkoll applikabbli f'kuntesti multilingwistiċi. Il-gruppi interattivi jistgħu saħansitra wkoll jappoġġaw it-tagħlim tal-lingwi permezz tal-interazzjonijiet djaloġiċi kostanti li jseħħu fost l-istudenti u ma' adulti minn kulturi differenti. Il-familji, il-membri tal-komunita', u edukaturi fl-iskola huma mistiedna biex ikunu jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw bħala voluntiera. Il-GI huwa opportunita' unika fejn l-adulti għandhom ċans jipparteċipaw fit-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal. Ma hemmx bżonn ta' ebda esperjenza jew ħiliet biex wieħed jipparteċipa bħala voluntier; l-uniku rekwiżit huwa li dak li jkun jimpenja ruħu biex jiffaċilita l-interazzjonijiet bejn l-istudenti, u jappoġġjawhom skont il-prinċipji tat-tagħlim djaloġiku u li jħaddnu aspettattivi għoljin għall-istudenti kollha.

## Passi ta' implimentazzjoni

### Preparazzjoni:

1. L-istudenti huma maqsuma fi **gruppi eteroġeni żgħar ta' 4-6 membri kull wieħed**. In-numru tal-gruppi u l-parteċipanti f'kull grupp jiddependi min-numru tal-istudenti fil-klassi.

2. **Preparazzjoni tal-attivitajiet:** In-numru ta' attivitajiet irid ikun l-istess bħan-numru ta' gruppi li hemm fil-klassi.

- Dawn l-attivitajiet, imħejjija mill-għalliem/a, għandhom joffru sfida fil-ħsieb lill-istudenti kif ukoll jippromwovu l-involviment tagħhom, kif ukoll jirriflettu l-objettivi tat-tagħlim u l-kurrikulu.
- It-tfal f'kull grupp jaħdmu flimkien fuq l-istess attivita': m'huwa permess l-ebda adattament lill-attivita' għal studenti b'livell akkademiku aktar baxx. L-istudenti bi bżonnijiet speċjali jistgħu jiġu ppreparati għall-attivitajiet qabel is-sessjoni tal-Grupp Interattiv biex ikollhom l-opportunita' li jipparteċipaw fil-grupp daqs l-istudenti l-oħra.

3. **Inkoraġġixxi lill-familji biex ikunu volontieri:** Dan jista' jinkiseb inizjalment billi tistedinhom jingħaqdu f'parti ta' sessjoni jew billi turihom kif il-valur tal-għarfien kulturali individwali tagħhom jista' jikontribwixxi ħafna lit-tfal waqt it-tagħlim. Ir-regoli bażiċi tat-tagħlim dijaloġiku jiggwidaw l-interazzjoni u huma kruċjali biex tibni relazzjonijiet tajbin u pożittivi mal-familji. Ħafna drabi l-parteċipazzjoni tagħhom tirriżulta mill- inkoraġġiment ta kuljum mill-għalliema.

### Implimentazzjoni:

Il-passi deskritti hawn taħt jistgħu jiġu adattati għall-kuntest skolastiku tiegħek.

1. L-għalliem jilqa' lill-voluntieri.

2. **Għaddi l-prinċipji tat-tagħlim dijaloġiku**, l-istruttura tas-sessjoni ta' Grupp Interattiv u kif ix-xjenza turi l-effett tal-intervent.

3. L-għalliem jagħti **ħarsa ġenerali tal-attivitajiet** imħejjija għas-sessjoni.

4. **Gruppi Interattivi:** Bejn10-20 minuta huma allokati għal kull attivita', bil-gruppi jduru hekk kif tispiċċa kull attivita'. Fi tmiem is-sessjoni, kull tifel/tifla jkunu lestew 4 jew 5 attivitajiet u kellhom interazzjoni ma' 4 jew 5 voluntiera. L-istudenti jwettqu x-xogħol billi jinteraġġixxu ma' xulxin fi djalogu egalitarju. Ma' kull grupp ikun hemm voluntier adult wieħed, li huwa inkarigat biex jiffaċilita l-interazzjonijiet bejn l-istudenti. L-adult mhux xogħlu li jispjega l-attivita'; ir-rwol tal-voluntiera huwa li jiżguraw li l-membri kollha tal-grupp jipparteċipaw u jikkontribwixxu għall-biċċa xogħol flimkien. Il-voluntier jistieden lill-istudenti li ppartеċipaw inqas biex jikkontribwixxu, iqanqlu aktar riflessjonijiet kollettivi, jappoġġja u jiċċelebra il-ħidma kollettiva.

5. L-għalliem iżomm il-ħin, josserva kull grupp jaħdem u joffri l-għajnuna lil dawk il-gruppi li għandhom bżonn. Dan jagħti lill-għalliem l-opportunita' li jakkumpanja t-tagħlim tal-istudenti.

### 3. Monitoraġġ u evalwazzjoni:

Ir-riżultati ta' dan l-approċċ jistgħu jiġu segwiti permezz ta' metodi ta' evalwazzjoni standard tal-iskejjel u/jew minn evalwazzjoni esterni reġjonali jew nazzjonali. Il-ġbir ta' evidenza u 'data' minn sistemi u kuntesti edukattivi differenti jagħtu indikazzjoni fuq il-potenzjal ta' kemm il-GI jistgħu jiġu repplikati u applikati b'mod iżjed estiż. Xi għalliema jagħżlu li jagħmlu sessjoni ta' riflessjoni wara kull GI. Dan jista' jsir bl-involviment tal-istudenti u/jew tal-voluntiera f'sensiela qasira ta' mistoqsijiet fuq kif ħassewhom fil-gruppi interattivi, jekk għenux lil xulxin, jekk





## Eżempji u każijiet:

Emilia, bħala għalliema tal-matematika fl-ewwel sena ta' tagħlim tagħha bdiet fi klassi fejn l-istudenti kellhom il-livelli varjati ħafna. Filwaqt li wħud mill-istudenti ta' 10 snin marru tajjeb f'dan is-suġġett, il-livell ta' xi studenti oħrajn kien inqas minn dak mistenni minn studenti ta' dik l-eta'. Kif setgħet Emilia tistenna li 25 tifel u tifla, (li wħud minnhom bilkemm kienu jitkellmu l-lingwa tal-istruzzjoni fil-klassi), isegwu l-ktieb tal-iskola? Wara biss ftit xhur ta' implimentazzjoni tal-gruppi interattivi fil-klassijiet tagħha, l-istudenti mxew 'il quddiem minħabba li kellhom bżonn jispjegaw l-aritmetika bażika u l-ġeometrija lil sħabhom fi kliemhom, filwaqt li dawk li affaċċjaw aktar sfidi fil-bidu ibbenefikaw mill-ispjegazzjonijiet ta' sħabhom, kif ukoll ikkontribwew ukoll biex isolvu l-problemi billi għamlu l-aħjar użu mill-intelliġenza kulturali tagħhom. Emilia tispjega kif il-gruppi interattivi kienu partikolarment ta' benefiċċju fil-proċess ta' tagħlim tal-istudenti ta' livelli differenti: jaċċellera t-tagħlim ta' dawk it-tfal li waqgħu lura kif ukoll jippromwovi t-tagħlim fost l-istudenti li sejrin tajjeb. Barra minn hekk, il-GI swew ukoll biex jippromwovu mġieba solidari u ambjent pożittiv fil-klassi fejn l-istudenti jgħinu lil xulxin meta hemm bżonn. Dan ġie ppruvat f'aktar minn 9,000 skola madwar id-dinja.

1. Assigura numru xieraq ta' voluntiera għall-għalliema fejn hemm komunita' li ta' kuljum trawwem **relazzjonijiet ta' fiduċja** mal-familji permezz ta' komunikazzjoni regolari bbażata fuq djalogu egalitarju.

2. Sib bilanċ fil-livell ta' diffikultajiet tal-attivitajiet tal-Grupp Interattivi-> **agħti attenzjoni kostanti** fuq kemm l-attivitajiet huma addattati għall-istudenti tiegħek u ssolvi din l-isfida (jiġifieri jekk kienx hemm żmien biżżejjed biex tinħadem l-attivita', jekk kinitx twila wisq, jew sempliċi wisq eċċ.)



## Benefiċċji

a) Titjib fil-kisba akkademika u tnaqqis fl-assenteiżmu tal-istudenti. L-istudenti jipparteċipaw iżjed u jimxu 'l quddiem.

b) Ħolqien ta' ambjent inklussiv u li hu ta' appoġġ għal kulħadd. Il-Gruppi Interattivi jimmassimizzaw il-potenzjal tat-tfal biex jgħinu lil xulxin u jsaħħu l-parteċipazzjoni ekwitabbli waqt diskussjonijiet fil-klassi u lil hinn, inklużi ma' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali.

c) Jiffaċilita u jaċċellera t-tagħlim akkademiku u soċjali ta' studenti ġodda u migranti. Il-Gruppi Interattivi jiffaċilitaw u jgħaġġlu t-tranżizzjoni ta' dawn l-istudenti fl-iskola ġdida.

*"Qed nara li l-affarijiet diffiċli jistgħu jiġu proposti u milħuqa permezz tal-gruppi interattivi. Pereżempju, fil-kitba ... huwa diffiċli għalihom li jiktbu waħedhom, u nara li qed jagħmlu progress enormi u qed nieħu gost. U dan grazzi għal kulħadd, grazzi wkoll għall-voluntiera li għandna."*

*(Maria, għalliema tat-tieni grad f'Artatse)*

*"Huwa minnu li fil-GI, l-organizzazzjoni tal-klassi verament tippromwovi l-inklużjoni, inklużjoni vera fejn tfal li f'tipi oħra ta' klassijiet jew fi klassijiet oħra ma jkunux daqshekk parteċipattivi jew ikun aktar diffiċli għalihom li jinvolvu ruħhom, jew jifhmu l-biċċa xogħol. Fil-gruppi interattivi,dan huwa l-oppost."*

*(Sara - għalliema fiċ-ĊEIP Republica Venezuela)*

*"…. l-akwati tal-iskola qed jinbidlu, qed jinbidel il-kuntest biex nilħqu l-ħolm tagħna. Hawn waħda li nħobb: jekk lit-tfal tillimithom, huwa int fl-aħħar tal-ġurnata li żżommhom lura mill-potenzjal tagħhom. Allura dejjem għandek ikollok aspirazzjonijiet għolja, u naħseb li dan hu li qed iġġiegħel lil din il-ħaġa taħdem …." (Rosa - għalliema fiċ-ĊEIP Republica Venezuela)*

# Suġġerimenti biex tikseb suċċess

L-involviment tal-familji u l-membri tal-komunita' bħala voluntiera fil-Gruppi Interattivi huwa essenzjali hekk kif ukoll isaħħaħ l-impatt soċjali. Barra minn hekk, l-iżjed aspett importanti huwa l-aspettattivi għoljin għall-istudenti.



# Riżorsi addizzjonali

**Artikli:**
-Boosted inclusivity and friendship through Interactive Groups
-Additional language acquisition in multilingual context in Elementary Education
-Enhanced help and solidarity interactions in early childhood education
-Improved math skills in Elementary Education
-Path for academic and social success for immigrant students
-Fueled social transformation through Interactive Groups in math
-The power of IG in leveraging learning opportunities for students with disabilities
**Linji Gwida prattiċi:**
-Step-by-step implementation of Interactive Groups
-Infographic on implementation and impacts in elementary education
**Vidjo ta' Lezzjonijiet**
-Inclusive classroom organization: practical examples of Interactive Groups
-Step-by-step implementation of Interactive Groups





# Konklużjoni

- Ir-rikonoxximent ta' kull forma ta' diversita' u intelliġenza kulturali permezz ta' Gruppi Interattivi jtejjeb ir-riżultati tat-tagħlim u l-benesseri tat-tfal.
- L-involviment attiv u sinifikanti tal-membri tal-komunità fl-attivitajiet skolastiċi jżid iċ-ċans ta' tagħlim b'suċċess fil-ħiliet bażiċi waqt li tippromwovi l-koeżjoni soċjali.
- L-attivitajiet u x-xogħol fi gruppi interattivi jistgħu jiġu ppjanati skont l-objettivi tas-suġġett jew tat-tagħlim.
- Il-Gruppi Interattivi jistgħu jiġu implimentati f'firxa wiesgħa ta' etajiet, mis-snin bikrin sal-edukazzjoni post sekondarja.
- In-numru ta' gruppi jista' jiġi adattat skont in-numru ta' parteċipanti.
- M'hemmx bżonn ta' riżorsi addizzjonali għajr tan-nies li jaħdmu fl-iskejjel u l-komunitajiet tagħhom.



# SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.